**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.**

**Illum 15 ta' Dicembru 2022**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent James Grech)**
**vs**
**Joseph Fenech**

**Kumpilazzjoni Nru: 924/2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra Joseph Fenech, ta' 74 sena, bin il-mejtin Guzeppi u l-mejta Helen nee' Formosa, imwieled Floriana fil-11 ta' Frar 1948, residenti f'numru 50, The Warren, Triq V. Menville, Swieqi u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 224948M.

Akkuzat talli f'Dicembru 2010 u fis-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer:-

a) B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu ta' Ruben Buhagiar.
b) U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe' pjanti tal-MEPA, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien falz minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom

jippruvaw, kif ukoll talli xjentement ghamel uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza.

c) U aktar talli, fl-istess dati, lok, u cirkustanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz.

Rat id-degriet tas-16 ta' Awwissu 2022 mghoti mill-Unur Tieghu il-Prim Imhallef Dr Mark Chetcuti permezz ta' liema l-proceduri odjerni gew assenjati lil din il-Qorti kif presjeduta.

Rat in-nota ta'l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat bi procedura sommarja minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub f'l-artikoli:

1. 308, 309, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. 188(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
4. 7, 8, 17, 31, 383, 384, 385, 386, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi tal-prosekuzzjoni.

Rat li l-imputat issolleva l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Semghet it-trattazzjoni dwar din l-eccezzjoni,

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi f'dan l-istadju l-Qorti ser tghaddi biex telenka dawk il-fatti biss li huma relevanti ghall-eccezzjoni in ezami.

Illi mill-atti processwali u senajtament mid-depozizzjoni ta' Reuben Buhagiar, il-persuna li ghamlet ir-rapport lill-pulizija, jidher li dawn il-proceduri jirrigwardaw pjanta ta' fond mixtri minn Buhagiar u cioe il-fond, ossia penthouse, numru 5, St Paul's Court, Piscopo Macedonia Street, San Pawl il-Bahar.

Illi jirrizulta li din il-propjeta akkwistata minn Buhagiar kienet zvillupata mill-imputat wara li (l-imputat) kien akkwista l-arja relattiva b'titolu ta' emfitewsi perpetwa minghand Joe Tonna (Properties) Limited; din l-enfitewsi kienet inghatat permezz ta' kuntratt datat 20 ta' Settembru 1989. Buhagiar ma xtarax minghand l-imputat ghaliex kien hemm numru ta' trasferimenti qabel:

- fit-2 ta' Mejju 1990 l-imputat kien bejgh lil James Thomas Graham;
- fit-28 ta' Frar 1994 James Thomas Graham biegh lil Gail Heidenhain; u
- f'l-24 ta' Frar 2000 Gail Heidenhain bieghet lil Reuben Buhagiar[1].

Illi meta Buhagiar akkwista l-propjeta, u permezz ta'l-istess kuntratt ta' bejgh, huwa kien ha self minghand l-HSBC Home Loans biex ihallas il-prezz tal-bejgh[2].

Illi Buhagiar jispjega li fis-sena 2010 jew 2011 kien ser ibiegh il-post, pero, meta saru r-ricerki relattivi mill-persuna li kienet ser tixtri l-post irrealizzaw li l-propjeta ma kenitx skond il-permess tal-bini; Buhagiar jghid li l-permess kien ghal washrooms mhux ghal penthouse. Huwa fil-fatt qed jallega li: 1) l-permess tal-bini hareg a bazi ta' pjanta li turi erbgha washrooms[3]; 2) li minflok l-imputat bena penthouse, iffalsifika pjanta[4] li turi li l-permess tal-bini kien ghal penthouse; 3) u li sussegwentement l-imputat uza din il-pjanta biex biegh il-penthouse li fir-realta (u dejjem skond Buhagiar) ma kellux permess ghaliha.

Illi Buhagiar kompla jispjega li meta huwa kien akkwista l-propjeta ma kienx ghamel ricerki[5] u li dawn saru biss meta kien ser ibiegh u saru mix-xerrej prospettiv. Buhagiar indaga ulterjorment, anke permezz tan-nutar, u minn ricerki li saru ma' diversi entitajiet pubblici, huwa deherlu li l-permess mahrug kien bazat fuq pjanta li kienet turi erbgha washrooms u li qatt ma kien hareg permess ghal penthouse. Buhagiar jghid testwalment li n-nutar inkarigat meta kien ser ibiegh hu (cioe Buhagiar) "*ghamel ir-recrki sewwa u sabu bla permess*". Aktar minn hekk jghid: "*fittixt jien minghand il-Land Registry kollox huwa dokumentat, huma dokumenti pubblici dawn*".

Ikkunsidrat

Illi ai termini ta'l-artikolu 689(1) ta'l-istess Kapitolu 9 ghar-reati ikkunsmati z-zmien ta' preskrizzjoni jibda jghaddi mid-data tal-konsumazzjoni.

---

[1] Fid-depozizzjoni tiegu Buhagiar jghid li xtara fis-sena 1999 pero mill-kuntratt relattiv esebit in atti ( a fol 41) jidher li l-akkwist da parti ta' Buhagiar sar f'l-24 ta' Frar 2000.
[2] Mill-kuntratt relattiv jidher li Buhagiar hallas biss Lm2,550; il-bilanc thallas mill-bank.
[3] Pjanta a fol 75 .
[4] Pjanta a fol 74.
[5] Hu jghid li lanqas is-sidein ta' qablu m'aghmlu ricerki.

Illi skond ic-citazzjoni jidher li l-prosekuzzjoni qed tikkunsidra Dicembru 2010 bhala d-data meta gie kkunsmat ir-reat tant li permezz tac-citazzjoni qed tixli lill-imputat "*talli f'Dicembru 2010 u fis-snin ta' qabel* ....". Jidher ukoll li l-prosekuzzjoni qed tghid hekk ghaliex l-kwerelant sar jaf bil-fatti li wasslu ghal dawn il-proceduri fis-sena 2010 u cioe meta huwa kien ser ibiegh il-fond in ezami.

Illi f'dan ir-rigward ghandu jinghad li minn dak li jghid l-istess kwerelant Reuben Buhagiar "*l-allegat qerq*" sehh bejn is-sena 1989 u s-sena 1990, cioe fil-perjodu bejn id-data meta l-imputat akkwista l-arja sa kemm biegh il-propjeta li zviluppa fis-sena 1990. Dan ghaliex kien propju f'dan il-perjodu li l-pjanta minn wahda ta' washrooms inbidlet ghal wahda ta' penthouse u intuzat mill-imputat biex ibiegh il-propjeta bhala penthouse. Aktar minn hekk mill-atti processwali ma jidhirx li l-imputat ghamel xi haga fis-sena 2010, u ma kellu l-ebda involviment f'l-akkwist tal-propjeta da parti ta' Buhagiar.

Illi ghalhekk indipendentment minn dak li tghid il-prosekuzzjoni fic-citazzjoni il-fatti li wasslu ghal dawn il-proceduri sehhew fis-sena 1990 u mhux 2010, u hija is-sena 1990 li ghandha titiqies bhala s-sena tal-konsumazzjoni ta'l-allegati reati.

Ikkunsidrat

Illi kif intqal il-kwerelant jallega li huwa sar jaf b'dak li kien gara fis-sena 2010 meta ghall-ewwel darba saru r-ricerki dwar il-propjeta in ezami u kien dak iz-zmien li sar rapport lill-pulizija. Jidher li l-prosekuzzjoni qed tallega li la darba l-kwerelant sar jaf bil-fatti tal-kaz fis-sena 2010 iz-zmien tal-preskrizzjoni ma setghax jibda jiddekkorri qabel din id-data.

Illi ai termini ta'l-artikolu 692 *iż-żmien tal-preskrizzjoni għad-delitti ma jibdiex jimxi meta l-ħati ma jkunx magħruf.*
Illi dwar dan il-punt l-Qrati taghna kellhom okkazzjoni jippronunzjaw ruhhom. Fis-sentenza mghotija fil-kawza f'l-ismijiet Il-Pulizija vs Brian Grima[6] il-Qorti ghamlet studju approfondit tal-gurisprudenza relevanti. Wara li ghamlet referenza ghall-artikolu 692 fuq citat dik il-Qorti qalet hekk:

> *Ghalhekk it-terminu tal-preskrizzjoni qatt ma jista' jibda jiddekorri favur il-persuna tal-hati (jew ahjar ta' l-imputat jew akkuzat) li ma kienitx maghrufa. Jista' jigi argumentat li dana id-dispost tal-ligi japplika biss meta l-injoranza tkun wahda assoluta u mhux relattiva biss ghal persuna tal-vittma jew kwerelant, jew inkella ghal Pulizija*

[6] Kawza deciza mill-Qorti tal-Magistrati fis-27 ta' Marzu 2014; din is-sentenza ma gietx appellata.

*Ezekuttiva biss, kif ukoll illi l-akkuzat jew kif imsejjah fil-ligi, il-hati, ma jkunx ghamel atti posittivi sabiex b'malizja jahbi dana l-fatt.*

*Illi l-Qorti ta' l-Appell Kriminali ttrattat dina l-kwistjoni legali f'sentenza moghtija fit-30 ta' Ottubru 2001 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Lorenzo sive Lorry Cuschieri, liema sentenza ghamlet referenza ghal gurisprudenza aktar antika fosthom ghas-sentenzi Formosa vs. Zarb Cousin (11 ta' Settembru 1922) u Il-Pulizija vs. Mikiel Agius (3 ta' Frar 1947) fejn kien gie deciz is-segwenti:*

*"delle dette leggi criminali, se stabilisce che la trascrizione per i delitti non corra quando il colpevole sia ignoto, esso deve interpretarsi nel senso gia da questa corte ritenuto nella sua decisione dell'11/09/22 in re Luigi Formosa vs. Carmelo Zarb Cousin, cioe' che sia ignoto non gia in modo relattivo al solo offeso e per ragioni non imputabili al colpevole, ma in senso obiettivo e generale per malizia e prattiche dello stesso colpevole".*

*Illi riferenza sejra ssir ghad-decizjoni moghtija fit-22 ta' Novembru 2012 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Christopher Coleiro fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali ghamlet riferenza ghal dak li jghid il-Professur Mamo:*

*"Prescription in criminal matters, however, is founded not on any tacit or presumed abandonment of one's own rights, but on the mere effect of the lapse of time which takes away the necessity and expediency of enforcing punishment. This fundamental fact gives rise to two principles.*

*"The first is that even when the authorities or the persons in whom the action is vested are in fact prevented from instituting proceedings, either because the commission of the offence is ignored, or because the offender has absconded, or on account of any other legal impediment to the exercise of the criminal action, the prescription should run all the same in virtue of the principle upon which it is founded. To this theoretical reasoning, our Code had made an important exception. Sec. 664 [illum art. 692] lays down that in respect of crimes ... prescription does not run when the offender is unknown.* ***This word 'unknown' has been construed as meaning a total and absolute ignorance of the identity of the offender and not any difficulty of convicting of the crime a person reasonably suspected of being the offender****....*

> *"In Criminal Appeal 'Formosa v. Zarb Cousin' (Law Reports, Vol. XXV, Pt. iv, p. 936) it was stated that* ***the provision that prescription does not run in respect of crimes when the offender is unknown must receive the strictest interpretation which harmonises it with the basic principles on which prescription is founded in criminal matters. The rule does not apply where the commission of the crime itself is unknown to the complainant or to the prosecutor. The word unknown must be understood in an absolute way and not as referable to the complainant or prosecutor alone, and it is necessary that the impossibility of discovering the offender's identity be due to the malice or practices of the offender himself and not, for instance, to the absence of the complainant or prosecutor from these Islands.***
>
> *"The same principle that the ignorance of the commission of the crime itself, as distinct from the ignorance as to the author thereof, does not prevent the running of prescription was also affirmed in Criminal Appeal Police v. Coleiro, 26/7/413, because as the Court observed, the rule 'contra non valentem agree non currit praescriptio' admitted in Civil Law, did not apply in criminal matters (cfr. Also Cr. App. Police v. Agius, 3/2/47)."* [7]

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami huwa car li ma jistax jinghad li dan huwa kaz ta' injoranza assoluta tal-kommisjoni (o meno) tar-reati li bihom qed jigi addebietat l-imputat. Reuben Buhagiar jghid minghajr tlaqliq li d-dokumentazzjoni kollha relevanti kienet kustodita ghand l-awtoritajiet kompetenti. Fil-fatt meta huwa ghamel ir-ricerki huwa sab l-informazzjoni kollha li a bazi taghha qed qed jigi mixli l-imputat permezz tal-procedrui odjerni. Ir-realta f'dan il-kaz hi li ricerki qatt ma saru qabel is-sena 2010 u kien ghalhekk li hadd ma kien induna bil-pjanta allegatament falsifikata; kieku saru ir-ricerki, li normalment isiru ma kuntratt ta' bejgh ta' propjeta immobli, il-fatti kienu johorgu fil-berah qabel. Huwa ghalhekk li ma jistax jinghad li kienet tezisti injoranza assoluta dwar dak li kien gara fis-sena 1990.

Illi konsegwentement, u konformament mal-gurisprudenza fuq citata, ghandu jsegwi li l-perjodu ta' preskrizzjoni beda jiddekorri fis-sena 1990.

Ikkunsidrat

Illi permezz tal-proeceduri odjerni l-imputat qed jigi mixli bi tlett reati: frodi, artikoli 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

---

[7] Is-sottolinear huwa ta' din il-Qorti.

falsifikazzjoni u uzu ta' dokument falsifikat, artikoli 183 u 184 tal-Kapitolu 9; u dikjarazzjoni falza, artikolu 188 tal-Kapitolu 9.

Illi ai termini ta' l-artikolu 688 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni:

*(a) ....*
*(b) ....*
*(ċ) bl-egħluq ta' għaxar snin għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn disa'snin u mhux anqas minn erba' snin;*
*(d) bl-egħluq ta' ħames snin għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn erba'snin u mhux anqas minn sena;*

Illi fis-sena 1990 il-piena ghar-reati li bihom huwa addebietat l-imputat kienet prigunerija minn tlettax il-xahar sa sebgha snin (ghar-reat ravvizat f'l-ewwel imputazzjoni), prigunerija minn tlettax il-xahar sa erbgha snin (ghar-reati ravvizati fit-tieni imputazzjoni) u prigunerija sa sentejn (ghar-reat ravvizat fit-tielet imputazzjoni).

Illi konsegwentement l-azzjoni taqa' bi preskrizzjoni bid-dekors ta' ghaxar snin fir-rigward ta'l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u bid-dekors ta' hames snin fir-rigward tat-tielet imputazzjoni.

Illi c-citazzjoni permezz ta' liema nbdew il-proceduri odjerni giet prezentata fit-23 ta' Settembru 2013. Mill-atti ma jirrizultax meta gie notifikat l-ewwel darba l-imputat; l-imputat deher l-ewwel darba f'l-udjenza mizmuma fit-13 ta' April 2016. Il-verbali ghas-seduti precedenti jindikaw li l-imputat ma deherx u ma kienx notifikat.

Illi indipendentement minn meta l-imputat gie notifikat bic-citazzjoni huwa car li meta anke meta giet prezentata ic-citazzjoni l-azzjoni kienet diga preskritta ghaliex ic-citazzjoni giet prezentata tlieta u ghoxrin (23) sena wara li sehhew il-fatti relevanti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tilqa l-eccezzjoni ta'l-imputat u tiddikjara l-azzjoni kriminali preskritta u konsegwentement estinta.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**